# Il-Proġett



Fr Vincent Magri SJ

**Il-Proġett**
Dar il-Kenn
76, Triq Sant Anġlu
Żejtun ZTN 1364
21694583

L-Istitut Paolo Freire (PFI) din is-sena jagħlaq 16-il sena miftuħ ġewwa ż-Żejtun. Issa għalaqna sena wkoll fiċ-Ċentru l-ġdid, fi Triq Sant Anġlu. Bħalma tafu l-PFI dejjem iħabbrek biex jgħin soċjalment lil ħafna nies fil-lokal u anki tal-irħula viċin. Kulħadd jista' jgħaddi u minn dak li nistgħu ngħinu nagħmlu dejjem mill-aħjar u bil-qalb. Jiena dejjem nirringrazzja l-ftit ħaddiema li għandna u lil ħafna volontarji li jaqduna matul is-sena.




Nixtieq insemmi u naqsam magħkom proġett partikolari li qed inwettqu bħalissa u li qed iħalli ħafna ġid. Hemm tfal li għadhom imorru l-iskola u jkunu qed jiffaċċjaw diffikultajiet fit-tagħlim. Tfal bħal dawn iridu attenzjoni u għajnuna speċjali. L-ewwel għajnuna sintendi joħduha mill-iskola għax illum kull skola għandha ħafna riżorsi speċjali biex jakkumpanjaw dawn it-tfal. Il-PFI qiegħed joffri għajnuna ta' wara l-ħinijiet tal-iskola. Biex inkun aktar konkret, xi tfal qed jiġu offruti b'kura ta' terapija darba fil-ġimgħa u dak li jissejjaħ "emotional literacy" u din l-għajnuna għall-perjodu twil għax inkella ma tkunx tista' tħalli impatt pożittiv fuq it-tfal. Din l-għajnuna hija estiża wkoll għall-familja u dawk kollha li huma responsabbli fil-kura tat tfal.

Ilkoll nafu li tfal li jkunu għaddejjin minn problemi emozzjonali ma jkunux jistgħu jikkonċentraw fil-klassi u għalhekk jiġri li jibdew imorru lura u ma jibdewx ileħħqu ma' sħabhom. Aħna nemmnu li dawn it-tfal biex ikollhom bilanċ u jibdew jitgħallmu jridu l-ewwel jikkallmaw u jifhmu l-emmozzjonijiet tagħhom. Din l-għajnuna għandha tingħata diġà mill-bidu, anki jekk għadhom kemm bdew il-Kinder. Iżda aħna konvinti wkoll li kieku din l-għajnuna tibqa' tingħata regolarment (jekk hemm bżonn darba fil-ġimgħa) u sakemm it-tfal jispiċċaw mill-iskola sekondarja (medja ta' tlettax-il sena tal-iskola obbligatorja) żgur li t-tfal jagħmlu kambjament għall-aħjar. Għandi nifhem li għajnuna bħal din hija imprezzabbli u nkunu investejna bil-għaqal fil-futur ta' dawn it-tfal.

Tajjeb li wieħed isemmi wkoll li biex titwettaq opra edukattiva bħal din u timpjega nies professjonali trid il-fondi, għaliex il-biċċa l-kbira ta' dawk li jitolbu din l-ghajnuna ma jistgħux iħallsu. Għaldaqstant il-PFI joffri dawn is-servizzi mingħajr ħlas. Aħna dejjem nittamaw li bl-għajnuna ta' Alla l-imbierek il-fondi jaslu u l-PFI jkun jista' jibqa' joffri s-servizzi tiegħu għall-ġid ta' dawk l-aktar vulnerabbli fostna.

Fl-aħħar nett xieraq li fl-okkażjoni tal-Festa aħna nagħtu l-awgurji tagħna lill-benefiċċjari fir-raħal. Nibda billi nirringrazzja lis-Sur Sindku u l-Kunsill, lill-Arċipriet u lil ħafna volontarji u ħbieb li jappoġġjawna mill-qrib u b'ħafna impenn.



Fl-Uffiċċju Parrokkjali hemm għall-bejgħ varjetà ta' *Souvenirs* tal-Ewwel Tqarbina, Griżma tal-Isqof, kif ukoll ta' Santa Katarina. It-Tapezzerija bix-xbieha ta' Santa Katerina taż-Żejtun jew *Key Chains* bl-istess xbieha huma rigali sbieħ li japprezzawhom kemm il-kbar, kif ukoll it-tfal.

